Settembru 2017 • Vol 24 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



**Fil-Paġni ta' ġewwa:**

- Donazzjoni tal-organi – Irreġistra xewqtek
- *Victim Support Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta
- Attivitajiet marbuta mal-203 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija

U aktar…

Newspaper Post

INTENTIONALLY
LEFT BLANK




Ritratt - CMRU

Settembru 2017 • Vol 24 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

11. Donazzjoni tal-organi – Irreġistra xewqtek

12. *Victim Support Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta

14. Programm ta' *Internship*, Malta 2017

16. *Sine Cera*

23. Il-Kuntistabbli...min propju kien?

25. Is-Sajf tal-1565

29. Attivitajiet marbuta mal-203 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija

39. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

40. Avvenimenti u Informazzjoni

44. L-Intelliġenza emottiva

46. Sommarju tar-Rapport Annwali Mejju 2016 - April 2017

48. Naħdmu mill-ġdid għall-għaqda

50. Paġna għat-Tfal

53. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

56. International Police Association - Malta

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju

11



19



22



29




Membri tal-Bord Editorjali:

President: Deputat Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Provi: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Editorjal

Is-sajf wasal biex jispiċċa u b'mod speċjali għal min jaħdem fid-distretti jfisser li l-festi waslu fi tmiemhom u jibda jitnaqqas ukoll xogħol ieħor li jġib miegħu dan l-istaġun u l-influss ta' turisti fuq il-gżira tagħna. Imma s-sajf ma jġibx xogħol biss. Il-maġġoranza tagħna fis-sajf nieħdu ukoll dawk il-ftit jiem *leave* biex insiefru jew inqattgħu ftit ħin mal-familja u għaldaqstant dan ix-xahar awtomatikament jerġa' jibda jdaħħalna ftit ftit fir-rutina tax-xitwa.

F'dawn il-ftit linji nixtieq nieħu l-opportunita` u nagħmel aċċen għall-artiklu bit-titlu 'L-Intelliġenza Emottiva'. Kollha kemm aħna ġieli għaddejjna jew għaddejjin minn mumenti diffiċli, kemm fuq ix-xogħol u anke`fil-ħajja personali tagħna. Barra li nkunu kapaċi li nikkontrollaw l-emozzjonijiet tagħna, huwa tajjeb ukoll li nidraw inħarsu ħarsa madwarna u ninuttaw id-diffikultajiet li jkunu għaddejjin minnhom in-nies ta' madwarna, inkluż il-kollegi tagħna li magħhom inqattgħu ħafna mill-ħin tagħna. Minflok niġġuddikaw lil dak u 'l oħra, irridu nippruvaw inkunu ta' spalla għal xulxin. Ejja ma nħossux is-sens ta' familja fil-Korp biss waqt xi funeral, imma nagħmlu ħilitna biex is-sens ta' familja ngħixuh kuljum.

Nagħlaq b'avviż important lill-pensjonanti kollha; f'paġna numru 54 għandkom issibu formola, li qed nitolbukom timlew biss jekk intom interessati li tibqgħu tirċievu dan il-magażin u tibgħatuha jew iġġibuha l-uffiċċju tal-CMRU. Dan l-avviż ma jgħoddx għal membri li qed iservu fil-Korp tal-Pulizija.

Grazzi

L-Editur

rodienne.bartolo@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Fit-23 ta' Ġunju 2017, ġewwa l-*Officers Mess* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, 10 Supretendenti, Neville Xuereb, Stephen Mallia, Dennis Theuma, Ramon Mercieca, Ian Joseph Abdilla, Mario Tonna, Alexandra Mamo, Nazzareno Grixti, Kevin Joseph Abdilla u Alexander Gatt ġew promossi fir-rank ta' Assistent Kummissarju. Għal din iċ-ċerimonja attendew l-Onorevoli Ministru Dr. Michael Farrugia, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, il-Kap Eżekuttiv is-Sur Angelo Gafà u diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Wara introduzzjoni li ħaditna lura għall-istorja ta' dan ir-rank, il-Kummissarju tal-Pulizija fetaħ id-diskors tiegħu billi tenna li jinsab onorat li huwa parti minn okkażjoni storika fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija, dan għaliex din kienet l-ewwel darba li numru daqshekk sabiħ ta' fizzjali kienu ser jiġu promossi f'daqqa bħala Assistenti Kummissarji. Il-Kummissarju spjega kif wieħed mill-għanijiet tiegħu minn meta ġie mogħti l-kariga tat-tmexxija tal-Korp kien li jinfetħu kemm jista' jkun opportunitajiet għal kulħadd biex dak li jkun iħossu parti minn din il-familja kbira u anke jkollu opportunità biex javvanza fil-karriera tiegħu.

Il-Kummissarju wera wkoll is-sodisfazzjon tiegħu meta semma li fost il-fizzjali promossi kien hemm mara.



L-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo hija fil-fatt l-ewwel mara f'din il-kariga fl-istorja tal-Korp. "*Dan għandu jagħmel kuraġġ lill-membri oħra tas-sess femminili biex anke huma jieħdu dawn l-opportunitajiet li qegħdin nifthu biex b'hekk ikomplu javvanzaw fil-karriera tagħhom*".

Is-Sur Cutajar għalaq id-diskors tiegħu billi awgura l-ħidma t-tajba lill-fizzjali promossi u fakkarhom li l-għajnuna tiegħu ħa jsibuha dejjem għal kull diffikultà li jista' jkollhom kemm fejn jidħol xogħol u anke fuq livell personali.

L-Onorevoli Ministru Dr. Michael Farrugia wkoll għamel diskors tal-okkażjoni fejn feraħ u awgura lill-fizzjali li kienu ġejjin promossi. Huwa semma b'mod partikolari lill-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo li kienet l-uniku mara fost grupp ta' 10 fizzjali li kienet ser tingħata din il-kariga. "*Huwa ta' sodisfazzjon li jkollok mara f'pożizzjoni daqshekk għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija*" tenna l-Ministru.

L-Onorevoli Dr. Farrugia awgura suċċess fil-ħidma u l-karriera tagħhom lill-Assistenti Kummissarji ġodda filwaqt li rringrazzja lill-Korp tal-Pulizija għall-ħidma tiegħu.

Minn hawn nifirħu lill-Assistenti Kummissarji ġodda u nawgurawlhom saħħa u suċċess fil-ħidma tagħhom.

charlene.camilleri@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Donazzjoni tal-organi – Irreġistra xewqtek

minn Patricia Galea - Direttur fid-Direttorat tal-Istandards tal-Kura tas-Saħħa

It-trapjant tal-organi huwa wieħed mill-akbar kisbiet fil-mediċina moderna li madankollu jiddependi għal kollox mill-ġenerożità u l-altruwiżmu tal-poplu Malti. L-għażla li ssir donatur ta' organu hija prattika nobbli li tista' tbiddel il-ħajja ta' ħafna nies.

Għal ħafna snin, assoċjazzjoni volontarja flimkien ma' bosta professjonisti tas-saħħa ħadmu mhux ftit biex iħajru nies jirreġistraw bħala donaturi tal-organi wara mewthom. Fuq medda ta' snin ġew irreġistrati bejn ħamsa u għoxrin u tletin elf persuna, iżda minħabba l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, din l-informazzjoni ma setgħetx tiġi miżmuma. Għal din ir-raġuni, ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jixtiequ jagħtu l-organi wara mewthom kellha tibda mill-ġdid.

Fis-sittax ta' Diċembru tal-2017 ġie fis-seħħ l-Att dwar id-Donazzjoni Ta' Organi, Tessuti u Ċelloli Umani, li jipprovdi l-ewwel Reġistru Nazzjonali tad-Donazzjoni tal-Organi u Tessuti Umani fil-gżejjer Maltin. Id-Direttorat għall-Istandards tal-Kura tas-Saħħa, fi ħdan is-Superintendenza tas-Saħħa Pubblika li taħtu jaqa' r-Reġistru Nazzjonali tal-Organi, nieda kampanja biex kemm jista' jkun u fl-iqsar żmien possibbli jħajjar nies jirreġistraw biex isiru donaturi tal-organi wara mewthom. Dan il-ġest nobbli jista' jsir billi wieħed jiġbor l-informazzjoni kollha mis-sit elettroniku www.organdonation.gov.mt jew billi jċempel 2595 3324 / 2595 3343.



Huwa stmat li fl-2013, fl-UE, 4,100 pazjent mietu waqt li kienu uffiċjalment imqiegħda fuq listi ta' stennija minħabba li organu għat-trapjant ma kienx disponibbli. Iddumx ma tirreġistra biex tkun donatur tal-organi wara mewtek! Ħossok kburi bid-deċiżjoni li tagħti ċans lil xi ħadd li ma jistax jgħix ħajja ta' kwalità .

F'isem il-pazjenti kollha nirringrazzjakom u nawguralkom l-isbaħ xewqat.

patricia.galea@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# *Victim Support Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta

**Spettur Sylvana Gafa' - VSU**

Il-*Victim Support Unit* bdiet taqdi l-irwol tagħha f'Jannar 2017 u kienet imnehdija uffiċjalment mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali fid-19 ta' April 2017. Mit-twaqqif ta' din is-sezzjoni sa Awwissu 2017, ġew megħjuna madwar 200 vittma.

Il-funzjonijiet ewlenin ta' din is-sezzjoni huma li:

- isservi bħala punt ta' riferiment u sapport għall-vittmi tal-kriminalità;
- tipprovdi servizzi ta' *crisis counselling* lill-vittmi tal-kriminalità, skont in-natura u s-severità tal-każ;
- tiffaċilità l-proċess sabiex il-każijiet jiġu riferuti lil servizzi oħra ta' sapport fil-ħin opportun;
- tagħmel moniteraġġ tan-numru ta' vittmi li qed jagħmlu użu mid-drittijiet u s-servizzi ta' sapport ipprovduti mill-Korp tal-Pulizija;
- tipprovdi taħriġ xieraq u kontinwu dwar prattiċi relatati mal-vittmi;
- toħloq komunikazzjoni effettiva u ħidma tajba ma' aġenziji oħra.

Il-*Victim Support Unit* tassisti lil vittmi skont il-bżonnijiet tagħhom u tipprovdilhom sapport adekwat. Is-servizzi offruti minn dan il-unit jgħinu sabiex inaqqsu l-istress emozzjonali u psikoloġiku lill-vittmi tar-reat u jgħin ukoll sabiex il-Pulizija Eżekuttiva tilħaq l-obbligazzjonijiet li għandha, skont Kapitlu 539 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità.




Il-*Victim Support Unit* ippubblikat ukoll fuljett għall-vittmi tal-kriminalità li jikkonsisti f'informazzjoni dwar proċeduri bażiċi tal-Pulizija. Dan il-fuljett ġie mqassam fl-għases u fis-sezzjonijiet kollha tal-Pulizija. Il-vittmi għandhom jiġu mgħarrfa bis-servizzi tal-*Victim Support Unit* għal iżjed sapport u informazzjoni u jekk jaċċettaw, il-pulizija għandu jibgħat imejl bid-dettalji tal-vittma lis-sezzjoni.

Wieħed jista' jagħmel kuntatt mal-*Victim Support Unit* fuq 2294 2079 / 2160 u/jew permezz tal-imejl: victimsupport.police@gov.mt.

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

# Programm ta' *Internship*, Malta 2017

Mis-Surġent Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

F'Lulju li għadda reġa' kellna l-parteċipazzjoni ta' disa' uffiċjali tal-Pulizija Ġermaniżi li ġew minn Bonn u minn Cologne. Huma għażlu lil Malta sabiex iwettqu l-Programm tal-*Internship* fi żmien waqt li huma għaddejjin bl-istudji pulizjeski tagħhom f'universitajiet u kulleġġi li jattendu. Dan iwassal-hom sabiex barra li jkunu qegħdin jiksbu l-livelli akkademiċi rikjesti, jilħqu wkoll f'dawk il-gradi li jkunu qed jaspiraw għalihom, li huma l-ekwivalenti għal dak ta' Spettur jew Supretendent. Min-naħa tagħna ma jistax jonqos li lkoll nawgurawlhom fil-karriera u l-ħajja personali tagħhom.

Din is-sena hija t-tnax-il sena minn meta Malta bdiet tipparteċipa f'dawn il-programmi Ewropej.

Bħas-snin ta' qabel din is-sena wkoll il-programm beda u spiċċa b'suċċess u ta' sodisfazzjon għall-istess studenti.

Is-sodisfazzjon tagħna jkun bil-kummenti tagħhom. Huma dejjem faħħru 'l-persuni għall-għarfien tagħhom, wara li jkunu spjegawlhom dwar kif titħaddem sistema jew dixxiplina skont ma' jkun il-każ. Inkorporat ukoll fil-programm ikollhom l-aspett storiku, etnikoloġiku u kulturali dwar x'joffri pajjiżna; permezz ta' żjarat li jsiru f'ċertu postijiet madwar il-gżejjer li bla dubju ta' xejn dawn dejjem jintlaqgħu tajjeb minnhom.



Fl-aħħar tal-programm bħalma jidher fir-ritratti huma jiġu ppreżentati b'ċertifikat mill-Kummissarju. Permezz tiegħu jiksbu ċertu punti dwar din l-esperjenza f'pajjiż Ewropew u l-parteċipanza tagħhom fl-istess programm.

Bħalma semmejt f'ħarġiet preċedenti, il-kollaborazzjoni ta' bejn Malta u l-Ġermanja fil-qasam dwar taħriġ polizjesk kienet u għadha tajba ħafna. Fil-fatt din tmur lura mill-bidu tas-snin sebgħin. Diversi membri tal-korp Malti kellhom l-opportunità f'xi żmien jew ieħor li jmorru hemm sabiex jiksbu aktar għarfien u speċjalizzaw f'xi qasam partikulari.

Issa ladarba dawn l-istudenti jagħżlu lil pajjiżna sabiex iwettqu dan il-programm, min-naħa tagħna dejjem irrispondejna b'tali manjiera sabiex intuhom l-opportunità b'kull mezz possibbli. Fl-aħħar mill-aħħar inqisu wkoll din l-okkażjoni bħala opportunità, sabiex wieħed jaqsam ukoll ċertu esperjenzi u ħsibijiet ma' kollegi Ewropej.

Għalhekk f'isem il-kordinaturi, nirringrazzjaw lil dawk l-entitajiet kollha u organizzazzjonijiet li bissehem u l-kordinazzjoni li ssir magħhom, dawn il-programmi jkunu jistgħu jsiru fil-livell mixtieq, li huma; Heritage Malta, Malta Experience u d-diriġenti tal-MCC, Mdina Dungeons, Farsons Cisk Ltd, l-Awtorità tat-Turiżmu (MICA), u l-eks-Surġent Maġġur Romeo Micallef.

Ħajr lill-uffiċjali kollha li jkunu ppreparaw għażżjarat u t-taħdidiet interessanti dwar il-ħidma fis-sezzjonijiet jew branki rispettivi tagħhom. Magħhom ukoll lil dawk li jipprovdulna t-trasport għal matul dawn il-programmi.

joseph.q.borg@gov.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# *Sine Cera*

Mis-Surġent Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Donnu llum il-ġurnata dak li nisimgħu ta' kull ħin u kull mument tispiċċa biex tidrah, tidra tisimgħu mingħajr ma tixxokkja ruħek. Għalhekk drajna l-aħbarijiet tal-qtil u tas-serq, tat-terrur u l-persekuzzjonijiet kif ukoll il-korruzzjoni fost oħrajn... qisu mhu qed jiġri xejn! Drajna wkoll l-inġustizzji ta' kull xorta u ta' kull struttura. Donnu l-moħħ tal-bniedem meta jisma' fuq xi ħaġa, ġurnata wara l-oħra, jitlef is-sens ta' reżistenza u ta' reazzjoni. Dan ma jfissirx li jibda japprova l-inġustizzja. Ifisser li għalkemm ma japprovahiex, jispiċċa biex jgħeja daqskemm ikun ilu jisma' u għalhekk jitlef minn dik is-sensittività li jirreaġixxi.

### Iżda x'inhi l-inġustizzja?

Nagħmlu tajjeb meta nistaqsu dwar it-tifsira ta' ċertu kliem li jaffettwana serjament fil-ħajja tagħna. Tweġiba flokha tista' tkun permezz ta' asserzjonijiet *a priori* ġejjin mit-tradizzjoni Latina, minn fosthom jingħad li 'għandek tagħti lil kulħadd dak li ħaqqu'. Mela l-inġustizzja ssir kull darba li lil dak li jkun ma tagħtihx dak li ħaqqu.

L-inġustizzja ddejjaq lil kull min hu ġust. Imma qed jiġri li l-epidemija tal-inġustizzja qed tixtered kullimkien bħalma għamlet l-epidemija tal-pesta; tant hu hekk li ħafna nies ġusti saru passivi u agħar minn hekk, ħafna minnhom qed jittieħdu minn din l-epidemija tal-inġustizzja.

### L-inġustizzja – effetti ta' għira, ambizzjonijiet żejda, pika u suppervja.

L-għira metaforika – deskritta bħala d-dragun mitoloġiku, is-simbolu tal-ħażen fuq l-art, li jfaqqas ġewwa fina u jibda jagħmel tiegħu sa ma' jifni, jeqred u jġib f'irmiet lill-vittma li jkun faqqas fiha; imbagħad jipprova jdur biex jattakka l-bqija.

Il-bniedem li jmut f'din id-dinja qatt ma jerġa' jiġi. Jgħix biss fiż-żerriegħa tar-razza li tkun nisslitu, iżda qatt ma jerġa' jgħix il-ħajja personali tiegħu. Is-sena li tkun difnitu tkun neħħietu minn fost il-ħajjin darba għal dejjem. Dan il-ħsieb għandu jdaħħalna daħla f'qoxritna u nistaqsu lilna nfusna; la darba sena wara l-oħra l-ħajja qed tiqsar mhux aħjar nagħmlu l-kontijiet? Dan m'għandux ikun xi ħsieb ta' dwejjaq, għax id-dwejjaq juru biss biża' minn liġi tan-natura li jaqblilna nidrawha, bħalma nidraw l-irqad li huwa wkoll liġi oħra tan-natura, mewta żgħira kuljum għal ftit sigħat biss, bid-differenza illi waqt li minn raqda meta nistenbħu nsibu ruħna fid-dinja fejn konna, meta nistenbħu minn raqda wisq itwal u aktar fil-fond li tissejjaħ mewt insibu ruħna wiċċ imb wiċċ mal-Ħallieq, weħidna quddiemu, li jsaqsina x'għamilna fiż-żmien li hu jkun tana, u hemm bħala xhieda, favur jew kontra, fit-tribunal tiegħu tkun biss preżenti l-kuxjenza. Iżda min hi l-kuxjenza? Il-kelma ġejja mill-Latin *Conscientia* – kien jaf – għarfien bejn it-tajjeb u l-ħażin. Żmien ilu, fil-medjuevu kienu jaħsbu li f'sider il-bniedem hemm ġebla ħarxa u tniggeż. Minn hekk ħarġet l-idjoma 'tniggżek il-kuxjenza' – fl-immaġinazzjoni tagħhom (ix-xbieha mentali fil-moħħ) kienu jemmnu li din kienet tiċċaqlaq ġewwa fik u tniggżek kull darba li tagħmel xi ħaġa li m'għandekx tagħmel. Għadda ż-żmien u l-moħħ modern beda jimmaġinaha bħala *GPS* ta' karozza – leħen li jgħidlek minn fejn għandek tgħaddi biex tasal, iżda jekk ma timxix miegħu, tissogra li tintilef u ma ssibx tarf. Taħsbux li din hija biss xi mitoloġija reliġjuża ġejja matul iż-żminijiet sabiex twerwer jew tikkontrolla l-bniedem moralment...

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

### L-Edukazzjoni, l-Injoranza u l-Inġustizzja

L-edukazzjoni li tillibera huwa proċess politiku.

Il-qari jista' jkun perikoluż u l-litteriżmu jista' jkun anti stabilità, ġieli ngħad.

Ġej minn fejn ġej l-għerf tas-sewwa, minnu nnifsu jneħħi l-għamad tal-injoranza li twaqqa' l-bniedem fil-ħażen u fi strutturi oħra tal-immoralità.

L-injoranza hija ċ-ċaħda ta' wieħed mill-isbaħ jeddijiet tal-bniedem, il-jedd għall-għerf li fuqu jinbena d-dritt għall-edukazzjoni, dritt naturali li ħadd ma jista' jċaħħdu minnu. Aħna bnedmin minna nfusna naħsbu għal rasna, għal dak li l-aktar jaqbel lilna u lil dawk li tassew inħobbu. Jekk inħallu din il-ġibda taħkem weħidha fina, aħna qatt ma nirsistu biex inrażżnu dak l-egoiżmu li fl-istess ħin huwa għalina mezz ta' għajxien u ta' avvanz, għax biex tgawdi minn fuq ħaddieħor ma hemmx aħjar milli ħaddieħor ikun hekk injorant li lanqas jista' jittendi li int qed tgawdi minn fuq daharu. L-injorant ħafna drabi lanqas biss ikun jaf li għandu drittijiet, għalkemm min-naħa l-oħra, jista' jkun ukoll li lanqas ikun jaf li għandu dmirijiet. Dak li jagħmel għal ħaddieħor jagħmlu b'istint għax miġbud mill-imħabba jew simpatija, inkella sforz il-biża' minn xi kastig. Għal ħafna snin, fost l-aktar dawk imgħoddija, naraw li n-nies li kienu jissejħu baxxi, kienu jġarrbu nġustizzji mingħajr lanqas biss ma kienu jkunu jafu. Ġara li min kellu edukazzjoni biżżejjed, żammha għalih u għal uliedu, magħha żamm is-setgħa tiegħu u tal-familja. Hawn niġi għal punt importanti li l-edukazzjoni hija setgħa u l-injoranza hija jasar. Fl-istorja tal-bniedem, naraw li l-bniedem kien maqsum bejn il-klassi ta' fuq u l-klassi ta' taħt. Ta' fuq kellha edukazzjoni aktar minn dik ta' taħt, jew jekk mhux ukoll ma kellha xejn fil-biċċa l-kbira. Il-bniedem rgħib dejjem għamel ħsara lil għajru b'żewġ modi: billi ċaħdu mill-edukazzjoni kif ukoll mill-ġustizzja soċjali f'dak li għandu x'jaqsam it-tqassim tal-ġid u x-xogħol. Iżda naħseb jien, bniedem qatt ma kien jista' jasal sabiex iċaħħad lil ieħor mill-ġustizzja soċjali, jekk qabel ma jkunx ċaħħdu mit-tagħlim. Min ikun jaf li għandu xi drittijiet li qed iċaħħduh minnhom, ikun jaf mhux biss jitlobhom, iżda bi ftit tal-kuraġġ ikun jaf jitlobhom u joħodhom lura wkoll. Mela l-inġustizzja soċjali nistgħu ngħidu li bdiet ħierġa minn fuq l-injoranza. Il-ġustizzja ma ssirx biss għax xterdet l-edukazzjoni fost il-poplu, meta xi ftit ikunu qabżu għalih u saħansitra wara waslu wkoll biex rebħu lil min kien qiegħed iċaħħadhom mid-drittijiet tagħhom. Iżda meta beda jaħseb b'rasu u mhux joqgħod biss fuq l-għajnuna ta' ħaddieħor. Biex ikun komplut ried li jilħaq żewġ għanijiet – għodda li bihom jaqla' l-għajxien u fl-istess ħin jiftaħ qalbu għal sentimenti nobbli u għal dak il-għerf li jżidlu l-interess fil-ħajja, biex jgħinuh jgħix aħjar. Għalhekk kien jingħad li l-akbar żewġ għedewwa tal-faqar soċjali huma l-edukazzjoni u x-xogħol.

### L-inġustizzja fil-ġurnaliżmu u l-midja soċjali

Il-midja llum hija meqjusa bħala r-raba' kolonna tad-demokrazija. Iżda hija wkoll arma li tista' tintuża mill-ġurnalisti kontra min forsi ma jaqbilx magħhom. Dan narawh iseħħ ukoll minn ċertu individwi permezz tal-midja soċjali, meta f'ċertu każijiet, l-ewwel jisiltu parti minn diskors, kitba jew xorta oħra, imbagħad joħorġuha barra mill-kuntest u jagħmlu storja biha b'ħafna fantasija u preġudizzji. Hemm żewġ perikli f'din l-arma, li jsiru attakki jew allegazzjonijiet offensivi personali u t-tieni li jiġu mdawrin il-fatti. Min hu responsabbli għall-mezzi tal-kommunikazzjoni soċjali għandu responsabbilità kbira. Il-preġudizzju u l-injoranza huma

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

ħafna drabi l-għejun ta' ħafna nkwiet. Spiċċajna biex iċ-ċittadin jew saħansitra oħrajn fil-periferiji tagħna ma jistgħux ikunu jafu l-verità fuq ħwejjeġ li jikkonċernawhom. Jekk ma noqogħdux attenti nispiċċaw li tintilef il-fiduċja f'kulħadd u dan mhux awgurju tajjeb għalina li ngħixu f'soċjetà hekk ċkejkna. Donnu li tkun qegħda tinħoloq kultura li tissuspetta f'kollox u f'kulħadd, dan ma jawgura tajjeb xejn lill-istess soċjetà u l-istituzzjonijiet demokratiċi. Jekk ma tippreżentax ruħek b'mod oġġettiv u b'livell mixtieq, tispiċċa mhux biss tgħin lis-segwaċi tiegħek sabiex jiffurmulaw l-opinjoni pubblika tajba tagħhom, ingredjent importanti fit-tħaddim tal-istess demokrazija, iżda tħawwad u tfixkel milli wieħed ikun jista' jasal għall-propja deċiżjoni. Min verament irid il-ġid b'mod sħiħ għandu jiġġieled kontra l-preġudizzji, jgħożż il-verità u l-onestà li huma ħafna aktar minn sempliċiment kelma jew ħsieb.

Min-naħa l-oħra kif jidher, aħbarijiet dwar il-ħażen, traġedji u tbatija oħra donnu jitqiesu bħala xi forma ta' divertiment. Ċertu aġenziji tal-aħbarijiet u xi individwi fuq il-midja soċjali jagħżlu li jwarbu l-aħbarijiet sbieħ u ta' tama, it-tama li l-bniedem jeħtieġ daqs l-ossiġnu biex jgħix, biex minflok ixerdu mal-irkejjen tad-dinja dawk b'kultura ta' ansjetà u biża', li fl-aħħar mill-aħħar (ma nafx humiex konxji) qed iderru arja ta' negattività u pessimiżmu li jista' jwassal għal sfiduċja fil-futur u xi forom ta' dipressjoni. Naraw f'ċertu nies li ħajjithom saret tqila wisq, kollha inċertezzi, dwejjaq u biżgħat. Il-qtigħ il-qalb u l-apatija saru invażivi.

Dan l-aħħar sar stħarriġ dwar il-midja madwar il-pajjiżi Ewropej u xejn ma deher li teżisti xi fiduċja mill-pubbliku kif wieħed stenna. Mill-istħarriġ ħareġ li ma jafux għandhomx jemmnu kollox minn dak li jgħidu l-ġurnalisti. Dan seta' kien minħabba l-mod popolist, sensazzjonali u l-mod mhux daqshekk etiku fil-konfront ta' ċertu stejjer. Immaturità f'din il-professjoni.

Min-naħa l-oħra, il-politika b'xi mod donnu kisbet aktar popolarità fl-istess stħarriġ – għad li wieħed dejjem jibqa' jittama f'aktar korrettezza u biex inkun tajt eżempju nsemmi d-drawwa u l-kultura tal-*canvasing*. Din b'xi mod qegħda taffetwa s-sistema politika milli tkun aktar korretta f'ċertu aspett. Dan minħabba li wara li l-kandidat li jkunu ħadmu għalih ikun tela' - bil-possibiltà li jkun ingħata wkoll ċertu poter huma issa jippretendu li jieħdu dak li jkunu ħadmu għalih. Dan huwa wieħed mill-fatturi li joħloq ċertu skumdità f'kull amministrazzjoni. Joħloq ukoll tfixkil b'xi mod waqt proċessar u proċeduri meritokratiċi fost oħrajn li eventwalment jistgħu jagħtu wkoll lok għall-inġustizzji.

### Ġudizzji u kundanni.

Il-kunċett li bniedem jiġġudika bniedem ieħor, għalkemm f'ambiti ferm differenti minn dawk konvenzjonali, nistgħu ngħidu li ilu fis-seħħ u prattikat minn ewl id-dinja. Ħafna drabi dan narawh li għadu jiġri madwarna sal-lum il-ġurnata fil-qorti tal-poplu, jiġifieri fit-toroq, fil-pjazez, fil-ħwienet, fuq il-postijiet tax-xogħol, eċċ – tinqata' l-kundanna fuq xi ħadd, iżda ma jammettux jew ma jiġix aċċettat li jeżisti l-appell. Qed nitkellem bl-ironija, indunajtu? Iżda dan biex inkun użajt termini minn tal-Qrati uffiċjali li dawn ukoll għamilhom il-bniedem u tahom setgħa temporali sabiex issir il-ġustizzja, li finalment wieħed dejjem ittama li tirrifletti s-sewwa u li ġġib lill-bniedem l-ewwel.

joseph.q.borg@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Kuntistabbli...min propju kien?

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Il-kelma kuntistabbli oriġinat madwar 700 sena ilu mil-Latin Medjevali bħala *Comes Stabuli*, li kienet tfisser il-Konti tal-Istalla u tirreferi għall-kap uffiċjal responsabbli mill-istalel; kavallerija ta' riġment, ta' ħakkiema, rejiet, slaten, kif ukoll ta' ċertu familji nobbli li l-palazzi tagħhom kienu jkunu attrezzati u armati tajjeb bi stalel li setgħu kienu jħabbtuha ma' tal-istess ħakkiema tal-post. Din maż-żmien b'xi mod inbidlet mill-Isqalli u ġiet *Cuntistabili** li bdiet tiġi użata sabiex tiddeskrivi Uffiċjal Għoli tal-Paċi; bħala kap eżekuttiv tal-qorti tal-post jew villaġġ, kif ukoll bħala l-bniedem responsabbli mill-bon ordni għal ċertu lokalitajiet. Ċirka 1830, f'Malta, fiż-żmien li l-Gran Viscont kien responsabbli mill-ħaqq tal-pajjiż, l-assistenti tiegħu wkoll kienu jissejħu Konte Stabile. Mill-istorja u l-etimoloġija tagħha din il-kelma bħala titlu jidher li kienet ta' status ħafna aktar għoli minn kif hija użata llum. Bħalma nafu, illum il-ġurnata isem il-grad ta' kuntistabbli li jinsab użat biss f'ċertu korpi, mingħajr ma jitnaqqas il-mertu għax-xogħol siewi li għandu, huwa l-iżgħar grad fil-ġerarkija tal-Pulizija. Bħal diversi kliem ieħor, din il-kelma kif rajna, għandha wkoll il-kultura tagħha verament interessanti.

*Tara li fl-Ingliż it-tieni parti tal-kelma tixbah ħafna lil stable li fil-Malti tiġi stalla

joseph.q.borg@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

# Is-Sajf tal-1565

minn PC36 Charles Azzopardi Refalo

Il-ġlieda qalila kienet bejn il-Maltin, l-Ordni ta' San Ġwann u l-Imperu Spanjol kontra t-Torok li dik il-ħabta kienet l-aqwa forza politika fid-dinja.

La Vallette li kien jaf x'qiegħed isir f'Kostantinopoli bagħat malajr jitlob għajnuna lill-prinċpijiet tal-Ewropa, imma ftit ġew 'il quddiem. Il-Papa Pius IV bagħat 10,000 biċċa tal-fidda u l-Imperatur Filippu bagħat ftit suldati. Kellu għalhekk il-Gran Mastru jara kif jeħles mill-qilla tat-Torok bl-għerf tiegħu u bil-ħila ta' sħabu u tal-poplu Malti. Ġabar fil-kunvent lill-Kavallieri kollha li kienu barra u kiteb suldati kemm seta' min-nies tal-gżira. Kulma kellu għat-taqbida li kienet ġejja kienu 600 kavallier u xi 8,500 suldat. Wettaq is-swar tal-Birgu, għalaq b'katina d-daħla bejn l-Isla u Sant'Anġlu biex wara-jha jinġabru x-xwieni, żied l-għases tal-Imdina u ordna illi malli t-Torok jaslu, in-nies tal-irħula koll-ha jiġbru ħwejjiġhom u jmorru l-Imdina.



Fit-30 ta' Marzu 1565, l-armata Torka telqet minn Kostantinopoli imma ħadet aktar minn xahar biex waslet Malta. Kien it-18 ta' Mejju, dehru raxxa qlugħ fix-xefaq, kibru u resqu lejn l-art u żammew lejn ix-Xlokk. Kienu 159 bastiment tal-gwerra u mijiet ta' bastimenti oħra bil-munizzjon u l-ikel għal 30,000 ruħ.

Kien il-Forti Sant'Iermu li ta l-ewwel sinjal tal-wasla tal-flotta Torka. Instemgħu jidwu ma' Malta kollha tliet tiri ta' kanuni minn Sant'Anġlu u l-Imdina. L-iżbark sar Marsaxlokk u f'jumejn it-Torok waslu ż-Żejtun u Ħaż-Żabbar bla ma ħadd laqagħhom. Ħadu kulma sabu u għaddew 'il quddiem u waqqfu t-tined quddiem is-swar u xterdu ma' Ħal Tarx-ien, mal-Marsa u fuq l-għoljiet ta' Kordin. Karkru l-kanuni tagħhom fuq l-għoljiet kollha u fl-aħħar ta' Mejju, l-għolja ta' Xebb ir-Ras kienet mgħottija b'tined imżewqa, bil-kanuni u b'eluf ta' suldati bit-turban iħarsu lejn il-qabda Nsara magħluqa bħal ġrieden ġo nassa fis-swar tal-Birgu u tal-Isla.

Għalhekk Sant'Iermu kellu jkun minn tal-ewwel li jġarrab il-ħruxija tal-Misilmin. Suldati Torok kienu jaslu sikwit u fl-aħħar ta' Mejju wasal Dragut b'elf u ħames mitt ruħ u 15-il galejjun. Dan malli ġie, rama batterija fuq il-ponta ta' Sliema biex ma jħallix bas-timenti jidħlu fil-port ta' Marsamxett. Meta kollox kien lest taw is-salt għal Sant'Iermu, kanuni basi-liski, kolumbrini, xkubetti li fetħu nar qawwi sejjer dejjem għal fuq is-swar ta' dal-forti ċkejken. Binhar l-Insara ġol-forti kienu jisparaw u jilqgħu l-għadu u bil-lejl idewwu l-feruti u jraqqgħu s-swar kif jistgħu. In-nies ġol-forti bdiet tonqos. Għall-ewwel il-Gran Mastru kien jibgħat nies bil-lejl bid-dgħajjes, imma wara ftit l-għases Torok ma ħallewx aktar min jer-saq lejn il-ħotba ta' Xebb ir-Ras u l-imsejken nies ta' Sant'Iermu la kellhom min ibiddilhom u la min iserraħhom. Jonqsu llum u jonqsu għada, il-forti ma setax iżomm aktar. B'danakollu Sant'Iermu żamm wieqaf erba' ġimgħat u meta waqa', fit-23 ta' Ġunju, Mustafà ma sabx bniedem wieħed ħaj. Lil ħafna mill-mejtin qatgħalhom rashom, rabathom fuq twavel u telaqhom il-baħar biex mar-riħ jaslu sax-Xatt tal-Birgu.

Malli waqa' Sant'Iermu, it-Torok setgħu jidħlu fiż-żewġ portijiet u għalhekk biċċa mill-flotta daħlet Marsamxett u tefgħet l-ankri l-Imsida u tal-Pietà. Wara ħafna talb lill-Viċirè ta' Sqallija, dan bagħat 700 suldat ma' tnejn u erbgħin kavallier u 20 bumbardier taħt il-kmandant ta' Don Melchiorre Robles u Vincenzo Caraffa, il-pirjol tal-Ungerija. Dan ir-rinforz niżel in-naħa ta' San Pawl il-Baħar u wara ħafna tgħawiġ waslu l-Birgu. Din l-għajnuna ġiet imsejħa 'Piccolo Soccorso'.

Fil-15 ta' Lulju t-Torok taw l-ewwel salt kbir lil Birgu u lill-Isla bl-art u bil-baħar, għax il-Marsa armaw ħafna dgħajjes li daħlu ftit ftit u żammew in-nar sa ma dalam u fl-istess ħin id-dgħajjes resqu kemm nies setgħu lejn ix-xatt tal-ibliet biex jitilgħu mas-swar jew jidħlu mill-ħofor li għamlu l-balal ġol-ħitan. It-Torok tilfu 3,000 ruħ f'dan l-attakk u mal-lejl kellhom jerġgħu lura. L-Insara rebħu imma tilfu nies mhux ftit u wħud mis-swar infetħu u niżlu borra. Fit-12 t'Awwissu, it-Torok inxteħtu fuq l-Isla u l-Birgu b'kemm kellhom nies. Ittendew bil-ħsara kbira li għamlu lis-swar u bil-għejja li kienu jinsabu fiha l-Insara u għalhekk Mustafà ħalef li dakinhar kellu jwaħħal is-sangakk tas-Sultan fuq l-ogħla ċinta ta' Sant'Anġlu wkoll jekk kellu jħalli mejta nofs in-nies tiegħu. Daqskemm kien hemm storbju kienu jinstemgħu minn Sirakuża u Katanja ġewwa Sqallija.

La Vallette u sħabu raw li t-tama li jirbħu dakinhar kienet żgħira u talbu bl-akbar ħrara l-għajnuna tas-sema, għax saħħa biex ibiegħdu dawk l-għedewwa kollha ma kellhomx. Bdiet taqbida, is-swar taħt in-nar tat-Torok bdew jitriegħdu, toqob u xquq bdew jidhru.

F'daqqa waħda t-trombi tat-Torok idoqqu qawwi u n-nies kollha tarġa' lura. L-isparar tagħhom qata', nies taqbeż ġod-dgħajjes, nies timbotta lil ta' quddiemha, nies terħi l-armi u tiġri kemm tiflaħ. U t-trombi jżarżru. "Lura, lura", kulħadd għal Marsa. X'ġara? "Wasal ir-rinforz, l-Insara waslu wara spallejna", qalu lil Mustafà.

Xejn minn dan ma kien ġara! Il-Kavallerija tar-Rabat biex tgħin lil dawk tal-Birgu filwaqt li sar l-assalt il-kbir, niżlet mir-Rabat u ħarbtet lil dawk li baqgħu għassa l-Marsa. Bħala ringrazzjament lil Alla, ġewwa l-Imdina tkanta t-*Te Deum*. Mustafà serraħ in-nies 20 ġurnata u reġa' ta s-salt, u kienu dejjem iħarsu lura meta jattakkaw u wara 12-il siegħa taħbit, reġgħu għall-kamp. Salt ieħor taw fl-ewwel ta' Settembru, fejn resqu lejn is-swar, ixxaddtu, qatlu Nsara u għamlu ħsara mhux żgħira, imma kull suldat Nisrani ħadem.

Il-Gran Mastru li aktar minn ħaddieħor kien jaf fejn kien wasal, bla nies, bla ilma, bis-swar nofshom imġarrfa, bl-għedewwa dejjem resqin irossuh minn kull naħa, kien jibgħat dgħajsa wara l-oħra lejn Sqallija jitlob għajnuna lill-Viċirè. Dan kien lesta armata, imma ma kienx hemm li jibgħatha. Mil-lum għall-għada, issa ma hemmx riħ, issa jibża' mill-flotta Torka, issa jistenna l-Ordni tar-Re u ż-żmien għaddej, u Malta waslet fl-aħħar nifs ta' ħajjitha.

Fis-7 ta' Settembru l-imbierek rinforz wasal sa fl-aħħar. 8,300 suldat żbarkaw il-Mellieħa u rħewla għall-Imdina. Donnhom it-Torok intebħu bl-iżbark tal-Isqallin qabel La Vallette għax żarmaw it-tined u għabbew l-armi u l-munizzjon. In-nies aktar mejtin inkella ħajja, malli semgħet li wasal ir-rinforz anqas ħasbu biss li jaħbtu għat-Torok qabel jitilqu mill-Marsa. Tahom ġenn bil-ferħ, daqqew il-qniepen, imlew il-knejjes, daħku u bkew. Mustafa' ħaseb li waslu 20,000 ruħ u billi ma riedx li jaqbduh bejn żewġ armati, malajr għabba li seta' u mbarka biċċa min-nies f'Marsamxett u l-oħrajn telqu lejn San Pawl il-Baħar.

Bil-korteżija tal-Arkivju Nazzjonali ta' Malta

Mons. Dott Joseph Bezzina

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**




# Attivitajiet marbuta mal-203 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija








PULIZIJA



























































# Grazzi tas-sehem tagħkom

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

On my way back home at about seven forty in the evening my car suddenly stopped going up the hill at Addolorata in Paola.
To my pleasant surprise an RIU police patrol stopped to investigate. I received the best possible help from the two young officers. They went out of their way to assist me and my wife to get the car going and send me on my way home.
More people should go out of their way to praise the police force for their excellent service.

---

Dear Sir,

My name is Thomas Spiteri I am a Maltese citizen who now lives in England. I recently travelled home with my wife Sylvia for a week holiday. I ran into some problems whilst driving to the beach for an afternoon swim. My car got a puncture and I was having difficulty changing the wheel when two of your officers pulled over to help assist me.

From the moment the officers approached me they was so friendly and I cannot express enough how helpful they were. P.S 691 and P.C 1391 took the time not only to help me with changing the wheel, which took a lengthy amount of time. They then went beyond their duties to escort me to the nearest garage.

Throughout the incident the two Officers was so professional and polite. They made the experience much easier than what could have been quite traumatic for us. After the event I felt so proud to be Maltese and wanted to share with you my gratitude towards your Officers.

Yours truly

---

Yesterday evening on Thursday 11th August, a man of Mexican origin came into our establishment during peak dining hours. He was seated and within minutes made his excuses and left. A short time after, the table who was seated next to him noticed their mobile and wallet was missing from their handbag. They proceeded to go to the St. Julian's police station to file a report and within minutes showed up at the restaurant to view our CCTV footage which I myself had prepared for them. Shortly after within 20 minutes an arrest was made. The same individual had also robbed another customer at a Nearby establishment on the same evening and had also broken into a car very close by. A big thank you to the St. Julian's police force to acting so promptly! And a special thanks to PC 345 Cremona, PC 1461 Abray for doing such a quick and great job. I believe the items have been retrieved and returned to their rightful owners.

---

28 July 2017

The Commissioner of Police

Mr Lawrence Cutajar

Police Headquarters,

Floriana,

Malta.

Dear Mr. Cutajar,

I, the undersigned [redacted] was a victim of the scam made by the ARMS call centre employee [redacted]. When I realized this was a scam, I contacted immediately the police and was referred to Inspector Anna Marie Xuereb and PC 724 Mr. Marco Pisani.

I am writing this letter to commend these 2 officers for their integrity and professionalism in the way they interacted with me and in the way they conducted the investigations. As you can imagine, I was under great tension and stress due to this ordeal but your officers were constantly reassuring me and making me feel safe and at ease. Moreover, the swift way in which they concluded the case helped to allay the psychological turmoil I was in.

I will always be in deep gratitude to Ms. Xuereb and Mr. Pisani.

---

Dear Sergeant WPS 175,

I would like to thank you heartily for being so caring and considerate. I greatly appreciate your help and understanding this morning at the Income Tax Department. If we were always surrounded with people like you, the world would be a much better place.

---

Nixtieq nirringrazzja lil PS 1122, PC 115 u WPC 93 ghal ghajnuna li taw lil missieri illum 28 ta' Gunju gewwa r-residenza tieghu l-Kalkara ghax bl-intervent immedjat taghhom giet salvata hajja. Ufficjali bhal dawn jaghmlu unur lil Korp tal-Pulizija. Grazzi

---

Dear Sir,

I would like to thank Sliema District Supt. Alexandra Mamo and PC 1592 Daniel Busuttil for the professional help I was given when I sought their service last week. From past experience I can vouch that things have changed for the better at the Sliema Police under the leadership of Supt. Mamo.

With kind regards.

---

Kollegi,
Inħossni fid-dmir li nuri l-apprezzament personali tiegħi lil kull wieħed u waħda minnkom tal-ħidma kbira li għamiltu dawn l-aħħar xhur. Min jgħix din il-ħidma mill-qrib jaf li sagrifiċċji kbar li saru u li qegħdin isiru. Li jkollok impenji matul il-Presidenza u fl-istess ħin tiffaċċja kampanja elettorali mhux ħaġa faċli. Dan aħna, bħal dejjem, wettaqna din il-ħidma b'impenn kbir u wrejna l-livell għoli ta' professjonalita' tan-nies li jħaddan, il-Korp tal-Pulizija. Jiena personali kburi li f'dan il-perjodu ferm impenjattiv kont fit-tmexxija tal-Korp. Jien għext u għadni ngħix dawn il-mumenti fil-qrib magħkom.

Jien nwiegħed li sakemm tagħtini saħħti, ikolli l-fiduċja tal-amministrazzjoni tal-pajjiż u fuq kollox l-appoġġ tagħkom, se nkompli bil-ħidma tiegħi biex inkomplu fit-triq li qbadna ħalli l-Korp tal-Pulizija jkompli miexi 'il quddiem u jkompli jissaħħaħ fl-istrutturi kollha tiegħu. Saru ħafna affarijiet imma għad fadal ħafna xi jsir. Fil-preżent qegħdin f'diskussjonijiet mal-awtoritajiet kkonċernati biex jiġi mfassal ftehim strutturali ġdid li minnu se jgawdu l-membri kollha tal-Korp. Dan qiegħed isir bil-parteċipazzjoni diretta taż-żewġ unjins li jirrappreżentawkom.

Bħala turija żgħira t'apprezzament, għalkemm tal-ħinijiet żejda li għamiltu se titħallsu, ser nawtorizza li tingħata off duty (vice) lill-membri kollha tal-Korp.

Nerġa' minn qalbi nirringrazzjakom u nawgura l-kumplament tal-ħidma t-tajba lil kulħadd.

Lawrence Cutajar
Kummissarju

# Avvenimenti u Informazzjoni

*Malta Police Sports Committee*

Il-Kumitat Sportiv tal-Korp tal-Pulizija b'sodisfazzjon jirrimarka li l-parteċipazzjoni tal-membri tal-Korp tal-Pulizija f'attivitajiet sportivi li matul ix-xhur li għaddew u li fix-xhur li ġejjin, ġew jew għad iridu jiġu organizzati, jirriżulta li kienu u ser ikunu konstanti u effettivi.

Dan jawgura tajjeb kemm għall-Kumitat innifsu li għaraf li jġib dawn l-attivitajiet għall-attenzjoni tal-membri u aktar minn hekk, li kien hemm membri fil-Korp li pparteċipaw fl-attivitajiet sportivi f'atmosfera ta' ħbiberija u sportività, u barra minn hekk kellhom riżultati sodisfaċenti u ta' unur kemm għalihom in-fushom u kemm għall-Korp tal-Pulizija.

---

**Attivitajiet Sportivi - organizzati mill-MPSC:-**

### FIFA 2017 – Play Station 4

Fuq talba ta' diversi membri tal-Korp, il-Kumitat Sportiv organizza għall-ewwel darba tornew tal-*Play Station 4* fejn intlagħbet il-logħba tant famuża FIFA 2017.



Għal din l-attività, erbgħa u għoxrin (24) parteċipant ħadu sehem li ġew maqsuma f'sitt (6) gruppi. Minn dawn il-gruppi, sittax-il parteċipant għaddew għall-fażi tan-*knock-out*. Għalkemm it-tornew intlagħab fi spirtu ta' ħbiberija, l-isfida kienet kbira tant li r-riżultati kienu ferm viċin.

Dan it-tornew intrebaħ minn PC529 Eman Ellul, fejn fil-finali għeleb lil PC113 Daniel Schiavone bl-iskor ta' 5-0. Fit-tielet post ġie PC27 Alan Zahra li fil-logħba għat-tielet post għeleb lil PC1404 Dayle Cassar bl-iskor ta' 3-1 wara l-ħin barrani.

Dan it-tornew ma setax ikun possibbli li jsir kieku l-istabbiliment tal-*Gamers Lounge*, li jinsab l-Im-sida, immexxi mis-Sur Andre Mizzi ma għoġbux jilqagħna u jgħinna biex dan kollu jseħħ. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sur Mizzi tal-għajnuna kollha li tana sabiex it-tornew ikun ta' suċċess. Il-Kumitat Sportiv jixtieq li dan it-tornew isir fuq bażi regolari u li tiżdied aktar attendenza. Hu maħsub li fil-futur dan it-tornew mhux biss isir għall-kbar imma wkoll għaż-żgħar jiġifieri għat-tfal tal-membri tal-Korp.



## Badger Karting

Il-Kumitat Sportiv dejjem jaħdem biex jorganizza attivitajiet sportivi b'differenza biex jolqot ix-xewqat tal-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Għaldaqstant, ħa jiġi organizzat tornew żgħir tal-*Badger Karting*. Dawk li diġà nkitbu biex jipparteċipaw ħa jkunu qegħdin jieħdu sehem fl-ewwel edizzjoni ta' dan it-tornew. M'hemm l-ebda dubju li dan it-tornew ħa jkun wieħed ta' suċċess għax il-konkorrenza tidher li hija waħda inkoraġġanti.

## Futbol

Il-Kumitat għaddej bil-preparamenti biex fix-xahar ta' Novembru jorganizza t-tornew tal-futbol bejn l-iskwadri u d-distretti tal-Korp.

Dan it-tornew ikun mistenni ħafna mill-membri tal-Korp li jħobbu dan l-isport u l-Kumitat dejjem jipprova jaħdem biex itejjeb minn sena għal sena l-attività u jipprova jilħaq l-ħtiġijiet ta' kulħadd.

Apparti dan it-tornew intern, il-Kumitat diġà ħadem biex għażel iż-żewġ kowċis li ħa jmexxu t-timijiet tal-pulizija fil-*league* tal-MESA li jmiss. Fil-fatt, Tim A ħa jkun immexxi minn PS1195 Conrad Debattista, li huwa wiċċ ġdid fil-qasam u ta' potenzjal filwaqt li Tim B ħa jkun immexxi minn PC1250 Paul Saliba, li baqa' jżomm il-kariga għal staġun ieħor. Ta' min ifakkar is-suċċess li għamel Tim B l-istaġun li għadda, fejn rebaħ il-promozzjoni għal Diviżjoni A kif ukoll spiċċa finalist fit-tazza tan-*knock-out* organizzata mill-MESA.

**Puttinu Cares** - 22, 23 u 24 ta' Settembru 2017

Bħas-snin ta' qabel, il-Kumitat Sportiv ser jieħu sehem fl-attivitajiet li ser ikunu organizzati minn Puttinu Cares. Barra li ser nieħdu sehem fil-logħba tal-futbol, din is-sena ser nieħdu sehem ukoll fid-dixxiplina tal-*volleyball*.

Ta' dan, il-Kumitat qiegħed jirringrazzja bil-quddiem lil dawk il-membri li ser jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi fil-ġranet indikati għal għan filantropiku.

Barra minn hekk, il-Kumitat ukoll qiegħed jirringrazzja lil dawk il-membri fi ħdan id-distretti u/jew unitajiet tal-Korp li ser jieħdu sehem individwali u/jew bħala tim barra dak li qiegħed jorganizza u/jew jinvolvi ruħu l-Kumitat Sportiv.

## Bowling - 24 ta' Ottubru 2017

Għall-ewwel darba, il-Kumitat Sportiv bl-inizjattiva ta' PS 845 Ian Vella, ser jorganizza tornew tal-*bowling* ġewwa l-Eden Super Bowl, San Ġiljan nhar l-24 ta' Ottubru 2017 għall-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija. Din ser tkun l-ewwel esperjenza tal-Kumitat u barra li nħeġġu l-membri kollha biex jipparteċipaw, infakkru wkoll lill-membri li l-Kumitat huwa miftuħ għas-suġġerimenti sabiex dan it-tornew ikun ta' suċċess.



## Games Room

Wara li x-xogħlijiet kellhom jieqfu minħabba impenji oħra tal-Korp, ix-xogħol ta' ristrutturar reġgħu bdew mexjin b'ritmu tajjeb fl-*Other Ranks Games Room*. Il-Kumitat Sportiv qiegħed jaħdem biex jerġa' jagħti l-ħajja lil din il-kamra magħrufa aħjar bħala l-*Games Room* fejn fiha ħa jkun hemm *snooker, billiard, darts, table soccer, table tennis* u logħob ieħor li żgur ħa jkunu ta' rikreazzjoni għall-membri kollha tal-Korp. Il-membri tal-Korp ħa jkunu mħeġġa li jużaw din il-kamra fil-ħin liberu tagħhom.

Kif tkun inawgurata, il-Kumitat qiegħed iħares 'il quddiem biex jorganizza tornew bejn il-membri tal-Korp fid-dixxiplini sportivi msemmija u oħrajn li possibilment isiru fuq ġewwa.

## Kummenti Ġenerali

Bħal dejjem, il-Kumitat Sportiv jirringrazzja lill-membri kollha li jieħdu sehem fl-attivitajiet li jiġu organizzati u aktar minn hekk jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar, li dejjem ikun minn ta' quddiem li jħeġġeġ u japprova l-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet sportivi.

Insellmulkom

mpsc.police@gov.mt

---

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**

# L-Intelliġenza emottiva

minn Stelmart Khalil - ESP Unit Co-Ordinator, Employee Support Programme Unit

L-intelliġenza emottiva hija l-kapaċità li wieħed jifhem l-emozzjonijiet tiegħu, u jikkontrollahom. Bħala bnedmin aħna nesperjenzaw emozzjonijiet li jistgħu jġiegħluna nirreaġixxu b'modi differenti għal dak li jkun qed jiġri madwarna. L-intelliġenza emottiva tikkonsisti wkoll fil-kapaċità li wieħed jifhem l-emozzjonijiet tal-oħrajn. Li tifhem l-emozzjonijiet tal-oħrajn tfisser li tkun kapaċi tikkontrolla r-reazzjonijiet tiegħek għall-emozzjonijiet tal-oħrajn b'mod pożittiv. Fil-ħajja huwa importanti ħafna li nifhmu l-emozzjonijiet tagħna u li nkunu kapaċi nifhmu l-emozzjonijiet tan-nies ta' madwarna.

Li tifhem lilek innifsek ifisser li tkun kapaċi tifhem kif jaffettwawk ċertu emozzjonijiet, kif ukoll ċertu sitwazzjonijiet. Din hija ħila importanti ħafna għax b'hekk tiżdied il-komunikazzjoni bejn l-individwi, il-kollegi u l-ħbieb u tgħin biex jittejbu r-relazzjonijiet ta' bejnietna. Li jkollna għarfien dwar l-emozzjonijiet tagħna huwa fattur importanti wkoll, peress li bħala bnedmin tiġina naturali li nikkomunikaw u noħolqu relazzjonijiet ġodda. F'sitwazzjonijiet bħal dawn wieħed għandu jkun sensittiv u juri empatija lejn is-sentimenti ta' dawk ta' madwaru, u b'hekk jgħin biex wieħed jifhem aħjar lill-oħrajn. Mhux dejjem faċli li tpoġġi lilek innifsek fiż-żarbun ta' ħaddieħor, madankollu li tkun sinċier f'sitwazzjonijiet bħal dawn jgħinek ħafna. Għalhekk tgħin li wieħed ikollu biżżejjed għarfien dwar l-effett li l-emozzjonijiet iħallu fuqna u fuq ir-relazzjonijiet ta' bejnietna.

L-intelliġenza emottiva għandha valur importanti fuq il-post tax-xogħol għax permezz tagħha nifhmu iżjed kif jaħdmu r-relazzjonijiet ta' bejn il-kollegi. Tinduna li impjegat għandu livell għoli ta' intelliġenza emottiva mill-mod ta' kif iġib ruħu fuq il-post tax-xogħol. Pereżempju:

- Li wieħed jibqa' kalm f'mumenti ta' konfużjoni. Dan normalment isir meta l-persuna ma tirreaġixxix b'mod esaġerat jew ma tiħux deċiżjonijiet żbaljati li jkunu bbażati biss fuq l-emozzjonijiet;

- Ikollu attitudni ottimista li tgħin lil dawk ta' madwarek biex jibqgħu kalmi u pożittivi;

- Jifhem aħjar is-sitwazzjoni u jikkomunika b'mod proattiv;

- Ikollu influwenza pożittiva fuq ħaddieħor u jinkoraġġixxi ħidma fi grupp.

Uffiċjali tal-pulizija li għandhom livell għoli ta' intelliġenza emottiva jibbenefikaw kemm b'mod personali kif ukoll professjonalment. Pereżempju, l-intelliġenza emottiva hija utli b'mod partikolari meta pulizija jkun fuq ix-xena tar-reat, jipproċessa l-informazzjoni mis-sitwazzjoni, filwaqt li juża' l-intelliġenza emottiva biex jigwida l-azzjonijiet u l-emozzjonjijiet ta' dawk preżenti. Dan huwa importanti ħafna biex wieħed jagħmel deċiżjonijiet għaqlija f'sitwazzjonijiet partikolari. Tant ieħor meta wieħed ikun konxju mill-emozzjonijiet tiegħu, ikun jista' jiġġustifika d-deċiżjonijiet li jkun ħa f'mumenti diffiċli.

L-intelliġenza emottiva tista' tiġi mgħallma u żviluppata. Li wieħed jaħdem fuq il-ħiliet personali, bħalma huma l-għarfien tiegħek innifsek, il-kapaċità li tkun dixxiplinat miegħek innifsek, il-motivazzjoni u l-empatija, jgħinu sabiex wieħed ikollu iżjed

intelliġenza emottiva. Dawn huma xi strateġiji utli li jistgħu jtejbu l-intelliġenza emottiva tal-individwu:

- Li tevalwa lilek innifsek – dan jista' jsir sempliċement billi wieħed jistaqsi mistoqsijiet lilu nnifsu bħal:- lest li taċċetta li inti m'intix perfett u li hemm xi affarijiet li għandek bżonn taħdem iktar fuqhom?

- Li teżamina lilek innfisek f'sitwazzjonijiet stressanti u tkun kapaċi tanalizza għaliex qed tħossok b'ċertu mod. Il-kapaċità li tibqa' kalm u ma titlifx il-kontroll waqt sitwazzjonijiet stressanti huwa ta' valur kbir ħafna, kemm fuq ix-xogħol u kemm lil hinn mill-post tax-xogħol.

- Qabel ma tieħu azzjoni, għandek teżamina kif ċertu azzjonijiet ser jaffettwaw lill-oħrajn billi tpoġġi lilek innifsek fil-pożizzjoni tagħhom.

L-intelliġenza emottiva huwa suġġett vast ħafna. Bosta riċerka turi kif il-kapaċità li wieħed jipperċepixxi, jiddentifika u jikkontrolla l-emozzjonijiet, tipprovdi bażi soda biex wieħed ikompli jitgħallem ħiliet soċjali u emozzjonali. Dawn il-ħiliet huma meqjusa bħala kwalitajiet essenzjali biex jinkiseb is-suċċess fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll biex jitrawmu relazzjonijiet b'saħħithom bejn il-kollegi u fil-ħajja personali.

Jekk tixtieq issir taf aktar dwar dan is-suġġett u kif għandek tindirizza l-emozzjonijiet tiegħek, tista' tagħmel kuntatt mal-*Employee Support Programme*. L-*Employee Support Programme* jipprovdi sapport kunfidenzjali u bla ħlas lill-impjegati pubbliċi. Jekk għaddej minn xi diffikultà fil-ħajja personali jew fuq il-post tax-xogħol, l-*ESP Unit* jista' jgħinek. Ikkuntattjana fuq 2200 1210 jew fuq esp.opm@gov.mt kif ukoll tista' żżur il-websajt www.esp.gov.mt.

---

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

## Sommarju tar-Rapport Annwali Mejju 2016 - April 2017

minn PC 812 Clayton Silvio

DAN LI ĠEJ HUWA PARTI MIR-RAPPORT TA' ĦIDMA TAL-*MPA* GĦALL-PERJODU BEJN MEJJU 2016 U APRIL 2017:

### Ħlas għas-sigħat żejda maħduma mill-fizzjali waqt ic-*CHOGM* u l-*Valletta Summit* 2015

Sa minn qabel ma seħħew dawn iż-żewġ avvenimenti, il-Kumitat Eżekuttiv staqsa lill-awtoritajiet konċernati dwar jekk il-fizzjali kinux ser jitħallsu għas-sigħat żejda maħduma minnhom b'relazzjoni ma' dawn l-avvenimenti nazzjonali. Il-Kumitat Eżekuttiv dejjem ingħata l-impressjoni li fil-fatt kien ser ikun hemm tali ħlas ekwivalenti għall-*extra duty*. Iżda wara li għaddew l-avvenimenti, dan kollu ġie miċħud mill-awtoritajiet. Għaldaqstant l-*MPA*, bl-awtorizzazzjoni tal-membri tagħha interessati u eleġibbli, tenniet it-talba tagħha permezz ta' Protest Ġudizzjarju f'Lulju, li ġie segwit b'kawża fi Frar 2017.

### Ix-*Shopstewards*

Ġie mwaqqaf grupp ta' *Shopstewards* minn kważi kull distrett jew sezzjoni fil-Korp tal-Pulizija. Il-Kumitat Eżekuttiv jistqar li l-ħidma ta' dawn ix-*Shopstewards* kienet waħda impekkabbli u li għenet sabiex jinżamm kuntatt mal-membri. Matul dan il-perjodu saru erba' seminars fejn ġew diskussi diversi punti. Il-Kumitat hawn jieħu l-opportunità sabiex jirringrazzja lil dawn ix-*Shopstewards* tant leali u dedikati lejn l-*MPA*, lejn il-Korp tal-Pulizija u lejn il-kollegi tagħhom.

### Is-sitta u erbgħin (46) siegħa xogħol fil-ġimgħa

L-*MPA*, wara ħafna krib sabiex il-membri tal-Korp tal-Pulizija jingħataw kundizzjonijiet ekwivalenti għall-ħaddiema oħra fis-servizz pubbliku fir-rigward tas-sigħat li l-Pulizija jaħdem f'ġimgħa, kif ukoll bosta talbiet sabiex jibdew in-negozjati għall-Ftehim Settorjali li waqgħu fuq widnejn torox, ħadet deċiżjoni li tieħu azzjoni konkreta dwar dan. B'hekk ħabbret li ser tieħu azzjoni legali bl-għan li din is-sitwazzjoni tinbidel fil-futur kif ukoll li l-Pulizija jiġi kumpensat tas-sitt (6) sigħat żejda fil-ġimgħa li ħadem fil-passat. Immedjatament hekk kif tħabbar dan, l-*MPA* rċeviet l-istedina sabiex jibda l-proċess ta' negozjati għall-Ftehim Settorjali. Wara li bdew in-negozjati, l-*MPA* issospendiet l-azzjoni legali tagħha u qed tipprova tasal għall-kompromess ġust permezz tal-istess ftehim. Din l-azzjoni legali ma twaqqfitx, iżda biss ġiet friżata u tista' titkompla kemm-il darba l-kwistjoni ma tiġix solvuta b'mod sodisfaċenti ma' mejda.

### Saħħa u Sigurtà

Il-Kumitat Eżekuttiv kompla jisħaq fuq il-ħtieġa li s-saħħa u s-sigurtà tal-Pulizija fuq il-post tax-xogħol tkun imħarsa bħal ta' kull ħaddiem ieħor, salv eċċezzjonijiet, in linea mad-Direttiva Ewropea dwar is-Saħħa u Sigurtà. Wara li kwalunkwe tentattiv lokali ma renda l-ebda frott, f'Settembru l-*MPA* ressqet il-ment quddiem il-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġi investigat il-mod kif il-leġiżlatur Malta qed jimplimenta l-provedimenti tad-Direttiva hawn fuq imsemmija. L-ilment tal-*MPA* ġie milquħ u bdiet l-investigazzjoni neċessarja.

### Il-Fond Ġenerali tal-Pulizija

Wara li l-proposta tal-*MPA* sabiex jitwaqqaf kumitat li jgħin lill-Kummissarju tal-Pulizija jamministra l-Fond Ġenerali tal-Pulizija (MPGF) ġiet milquha mis-Sur Lawrence Cutajar, l-*MPA*, flimkien mal-*POU* bdew ħidma sabiex issir riforma f'dan il-kont, partikolarment minħabba li dan il-fond mhux sostenibbli. Ġew imressqa bosta proposti sabiex matul iż-żmien, dan il-fond ma jibqax jiffoka fuq dak li jieħu Pulizija wara ħajtu, iżda jibda jiffoka aktar fuq it-tgawdija, il-benesseru u l-attivitajiet soċjali tal-Pulizija. Soluzzjonijiet effettivi u prattiċi għall-problemi preżenti jeżiġu għaqal kbir.

### Sit Elettroniku

Wara ħafna xogħol minn wara l-kwinti, f'Ottubru 2016, ġie mnedi s-sit elettroniku l-ġdid tal-*MPA*. Dan is-sit huwa għodda neċessarja sabiex l-*MPA* tkun tista' tkompli ssemma leħinha, tesponi lilha nnifisha mal-pubbliku, iżda l-aktar importanti, sabiex permezz ta' din il-pjattaforma, il-membru jkollu mezz aktar kunfidenzjali u konvenjenti kif jikkomunika mal-*MPA* u jwassal l-ilmenti u l-ħsibijiet tiegħu.

### Il-*EuroCOP*

Matul dan il-perjodu, l-*MPA* ħadet sehem f'żewġ konferenzi li l-*EuroCOP* organizzat; waħda f'Mejju ġewwa Torremolinos u oħra f'Ottubru ġewwa Barċellona, it-tnejn fi Spanja. Fost is-suġġetti li ġew diskussi f'dawn il-konferenzi wieħed isib: it-Terroriżmu l-implikazzjoni tiegħu fuq l-unjins tal-Pulizija, użu tat-*taser guns*, vjolenza fuq l-uffiċjali tal-Pulizija, età tal-pensjoni, taħriġ standard madwar l-ewropa, u s-saħħa u s-sigurtà (b'mod partikolari t-tagħmir protettiv). L-*MPA* matul din is-sena tat kontribut siewi fid-diskussjonijiet u numru ta' *position papers* li l-*EuroCOP* approvat sabiex jitressqu quddiem l-għola Istituzzjonijiet tal-

Unjoni Ewropea. Ir-relazzjoni tal-*MPA* mal-*EuroCOP* tant kibret li l-Kumitat Eżekuttiv iddeċieda, fuq talba tal-*MPA*, li l-konferenza ta' Mejju 2017 issir ġewwa Malta.

### Il-Kumpens għas-sigħat żejda maħduma1993- 2008

Wara li t-talba li l-*MPA* kienet ressqet lill-Partit Laburista qabel l-elezzjoni ġenerali tal-2013 kienet ġiet milquha u ttieħdet abbord il-manifest elettorali tal-istess partit, fl-2016 ġie mħabbar li l-gvern kien ser jippproċedi biex iwettaq din il-miżura. L-*MPA* ipparteċipat b'mod sħiħ, u kkontribwiet kull fejn kien mitlub minnha sabiex tiġi implimentata din il-miżura.

### *Air Conditioning Units* fl-Għasses u *Sentry Boxes* ġodda

Wara bosta talbiet mill-*MPA*, bdew jiġu installati *Airconditioning Units* fl-Għasses madwar Malta kif ukoll numru ta' *sentry boxes* ġodda. L-*MPA* tkompli tħeġġeġ biex dan il-proċess jibqa' għaddej sa ma kull uffiċċju jew għassa tkun mgħammra b'dawn il-*units*, u kwalunkwe Pulizija, jkollu kundizzjonijiet tax-xogħol dinjitużi, u għaldaqstant post adegwat fejn jistkenn mill-elementi naturali fil-klima Maltija.

### Is-servizz t'għajnuna Legali

Matul din is-sena kienu bosta dawk il-membri li talbu s-servizz t'għajnuna legali tal-*MPA*. Dawn inkludew kemm każijiet dixxiplinarji interni, proċeduri kriminali kif ukoll kawżi kostituzzjonali. L-*MPA* ser tibqa' tkun hemm tiddefendi u takkumpanja lill-membri tagħha u tara li d-drittijiet tagħhom jiġu mħarsa fi kwalunkwe stadju.

### *Joint Return Operations* u skorti Transkonfinali

Għal bosta xhur, il-membri tal-Pulizija li kienu jakkumpanjaw priġunieri jew immigranti li jintbagħtu 'l barra minn Malta, jew vice versa, ma kinux qed jitħallsu għax-xogħol kollu li jwettqu (jiġifieri sa ma jaslu lura Malta minn dan il-vjaġġ li jkun sar speċifikament għal dan l-għan). Wara battalja li ħadet xhur sħaħ, l-*MPA*, rebħet dikjarazzjoni li dawn il-Pulizija ser jibdew jitħallsu tal-ħin kollu li huma jqattgħu fuq dan ix-xogħol.

### Xiftijiet aħjar fis-sezzjonijiet u branki

L-*MPA* ħadmet bis-sħiħ biex dawk li jaħdmu fis-sezzjonijiet u branki ma jibqgħux jistennew ħames t'ijiem biex jieħdu ġurnata frank. Grazzi għall-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur Lawrence Cutajar, il-proposti tal-MPA ġew milquha u ttejbu x-xiftijiet.

### *Sponsorships*

Sabiex tkompli tħeġġeġ lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi, li wkoll jikkontribwixxu għal relazzjoni soċjali soda bejn il-membri, l-*MPA* sponsorjat nofs il-valur tat-*trophies* tal-Football Tournament organizzat mill-*MPSC* f'Diċembru 2016.

http://www.mpa.org.mt

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

# Naħdmu mill-ġdid għall-għaqda

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

### Żewġ avvenimenti kbar flimkien

Kif kulħadd jaf, l-ewwel sitt xhur tas-sena 2017 kienu fost l-aktar impenjattivi minħabba avvenimenti nazzjonali li kien hawn fil-pajjiż. Fost l-avvenimenti ewlenin kellna l-Presidenza ta' Malta fil-Kummissjoni Ewropea u l-Elezzjoni Ġenerali 2017. Minkejja li l-Presidenza konna nafu biha u stajna preparajna ruħna għaliha, xorta waħda kienet sfida peress li din kienet l-ewwel darba li Malta kienet ser tmexxi din il-Presidenza. Bla dubju meta tqis kollox nemmnu li għalkemm seta' kien hemm xi nuqqasijiet, bħala Korp ħdimna tajjeb u għandna nkunu kburin bil-ħidma tagħna.

Apparti l-Presidenza kellna wkoll l-Elezzjoni Ġenerali li żgur ma kenitx prevista li ssir din is-sena. Kollha kemm aħna konna ħadnieha b'sorpiża u kien hemm mumenti meta staqsejna lil xulxin kif konna ser nagħmlu sabiex inlaħħqu ma' żewġ avvenimenti ewlenin tant kbar (minbarra *commitments* oħra) fl-istess ħin. Bis-saħħa tas-sagrifiċċji u d-dedikazzjoni tal-maġġoranza assoluta tal-Korp irnexxielna nlaħħqu ma' dawn l-avvenimenti u nwettqu b'suċċess id-dmirijiet tagħna. Irridu nirrikonoxxu li minkejja s-sagrifiċċji kollha li għamilna, il-Kummissarju Lawrence Cutajar dejjem ħa azzjoni biex itaffi kemm jista' jkun it-tbatijiet żejda li kienu qed jgħaddu minnhom il-membri tal-Korp. Kull ilment li għaddejna bħala unjin f'dan il-perjodu dejjem daħal fil-mertu tiegħu u fejn kien possibbli indirizza l-problema minnufih.

### Firda minħabba opinjonijiet differenti

Sfortunatament l-elezzjoni ġenerali ġabet firda fost il-poplu. Ma ngħidx li l-maġġoranza assoluta, iżda ammont sostanzjali ta' nies inkluż membri fil-Korp bdew jagħmlu użu minn lingwaġġ ta' mibegħda u anke "theddid" kemm fil-konfront ta' kollegi tagħhom kif ukoll fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Hija verament ħasra li għandna politiċi li jitkellmu b'ċertu lingwaġġ ta' mibegħda dwar il-Korp, iżda kienet weġgħa akbar meta kont tisma' membri tal-Korp jikkwotaw dan id-diskors jew jiżżufjettaw bil-Kummissarju. Kulħadd jaf li l-Kummissarju Cutajar lanqas jaf x'inhi mibegħda u jipprova jgħin lil kulħadd. Niftakar ċar kristall il-kliem li qalilna fl-ewwel laqgħa tagħna miegħu meta laqqa' liż-żewġ trejd unjins flimkien, "Nixtieq nara lil kulħadd kuntent fuq il-post tax-xogħol biex nagħtu servizz aħjar". Forsi mhux kulħadd għandu l-aktar kundizzjonijiet ideali llum, iżda kulħadd jirrikonoxxi li kemm ilu fit-tmexxija s-Sur Cutajar qed isir progress kbir fejn jidħlu kundizzjonijiet. Naturalment fadal ħafna xi jsir għax ma' wiċċu sab wirt ta' problemi li kienu taħt it-tapit.

### Solidarjetà mal-Kummissarju Cutajar

Kulħadd jaf li bħala unjin ma niddejqu xejn nikkritikaw lill-amministrazzjoni tal-Korp fejn inħossu li għandna nikkritikaw. Dan nistgħu nagħmluh għax b'ebda mod m'aħna dipendenti mill-amministrazzjoni tal-Korp. La għandna bżonn uffiċċju bis-servizzi neċessarji mħallsa u lanqas għandna bżonn lill-amministrazzjoni ttina xi finanzjament. Nistgħu nitkellmu bil-libertà kollha propju għax l-unika dħul finanzjarju tagħna hija l-miżata tas-sħubija tagħkom. Qatt ma kellna kritika lejn xi ħadd fl-amministrazzjoni fuq livell personali, iżda dejjem ikkritikajna deċiżjonijiet li ħassejna li ma kenux ġusti fil-konfront tal-membri tagħna.

Mhux in-norma li trejd unjin tiddefendi l-amministrazzjoni, iżda tul il-kampanja elettorali tant rajna kritika inġusta, theddid u insulti fil-konfront tal-Kummissarju Cutajar li ma stajniex ma ngħidu xejn. Ridna nżommu bilanċ li ma nidħlux fl-arena politika, iżda fl-istess ħin ridna nuru s-sostenn tagħna għal dak li kien għaddej minnu l-Kummissarju. Saħansitra unjin li m'għandha x'taqsam xejn mal-Pulizija, il-UĦM, talbet għar-riżenja tal-Kummissarju. Hawn kien il-punt fejn ħassejna li ma stajniex noqogħdu ċassi, ħriġna

stqarrija ta' solidarjetà minnufih permezz tal-midja u tal-midja soċjali. Din kienet sitwazzjoni fejn jekk ma ngħidu xejn inkunu qed napprovaw il-kritika inġusta li kienet qed issir, li mhux biss kien attentat biex tagħmel ħsara lill-Kummissarju personalment, iżda wkoll lill-Korp inġenerali.

Konna l-unika unjin li wrejna s-solidarjetà tagħna pubblikament mal-Kummissarju Cutajar. Illum inħossuna kburin aktar minn qatt qabel li ħadna tali deċiżjoni. Nittamaw li dawk il-membri u eks membri tal-Korp li bdew jieħdu pjaċir b'dawn l-insulti u theddid jirrealizzaw li kienu żbaljati u jbiddlu l-attitudni tagħhom. Mill-banda l-oħra, il-kumplament irridu nibqgħu naħdmu għall-għaqda fost il-membri tal-Korp għax hekk biss nistgħu niksbu l-aħjar riżultati.

### Trasparenza fil-Fond Ġenerali tal-Pulizija

Biex nagħlaq l-artiklu tiegħi nixtieq infaħħar mill-ġdid lill-Kummissarju Cutajar fir-rigward tal-fond ġenerali tal-Pulizija. Fis-sena 2015 kellu jsir l-awditjar ta' dan il-fond mhux għax l-amministrazzjoni dakinhar kienet temmen li hekk kellu jsir, iżda għax konna rrappurtajna li l-fond kien qed jiġi amministrat illegalment bħala unjin u eventwalment ħriġna direttiva biex il-membri tagħna ma jħallsux. Wara l-kritika qawwija li għamel l-NAO fir-rapport annwali tiegħu dwar dan, il-Kummissarju Cutajar implimenta ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-istess NAO.

Fost ir-rakkomandazzjonijiet kien hemm dik li l-unjins ikollhom aċċess għall-informazzjoni billi jkunu parti minn bord, li l-kontijiet ikunu pubbliċi, li tiġi indirizzata l-problema tas-sostenibbilità tal-fond u li jkun hemm indikat ċar kif ser jitqassam il-fond biex jibbenefikaw minnu l-membri tal-Korp. Minkejja li ma nistgħux ngħidu li hemm qbil totali fil-mod kif ser jitqassam il-fond, irridu nirrikonoxxu li komparat mal-attitudni ta' sentejn ilu sar progress kbir. Irridu nfakkru wkoll li qabel is-sena 2015, ċioè qabel daħal id-dritt li l-membri tal-Korp jistgħu jissieħbu fi trejd unjin tal-għażla tagħhom ma kien hemm *records* ta' xejn.

tvella@pou-gwu.org.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Paġna għat-Tfal



Nicole Marie Cilia
5 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

**INTENTIONALLY**
**LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

I would like to publicly thank a very nice and one to respect, police officer NO 840 who was taking care part of the emergency, Who stood up and searched for doctors, asked me if I was in pain, checked on me every now and than to see if I'm being helped and excuse himself on behalf of the Mater Dei Emergency situation. Thank You for your constant support. Malta needs more police officers like you. hats off. Thanks

Nirringrazzja mill-qalb lill PC 633 Kris Bartolo tal-ALE li assistieni nhar il-gimgha 30 ta' Settembru fis-sebgha ta' filghodu wara li kelli ncident tat-traffiku fejn ksirt idi.

Nixtieq li jekk dan ir-ringrazzjament b'xi mod jigi ppublikat nibqa anonimu.

PC Bartolo kien anglu mibghut mis-sema.

Grazzi

We would like to thank PS 1141, PC 220 and PC 506 for helping us when we had problems with our boat in the middle of the sea about 4 weeks ago. Sorry that we took this long to post but I could not find the paper were we wrote the police numbers. Thanks a lot for giving us a big helping hand, we really appreciate what you did.

To the heros at the sliema police station this afternoon...
Thank you for helping me
Find my kids when they went missing from school
RIU for collaboration
All involved.
Please do thank everyone. Unfortunately I was in shock and could not compose myself
On time and failed to thank them.

Dear Sirs,

Through this email, I would like to express my gratitude to PC 844 from Mellieha police station for the prompt and efficient assistance he gave me in locating my lost wallet last Monday. Thanks to his fast action, the wallet was located on time, and nothing was touched.

Thank you also to the PC in Monday's evening shift for his help in coordinating a time and place to meet the person who had picked up my wallet.

I am grateful.

Regards

Amaryllis Agius

I would like to show my appreciation towards the Malta Police Force on duty at Qormi Police Station, in particular PS 1482 who helped me out when I was the victim of a hit and run incident involving my new car. Not only did PS 1482 do his duty in a very professional and friendly manner, by which he managed to identify the other driver, he also followed up the case by checking up on me to make sure that everything was progressing smoothly. I am very satisfied with the sterling work and service I received in this case.

Messagg tal-Kummissarju tal-Pulizija

Nixtieq niehu l-okkazzjoni biex nirringrazzja u nuri l-apprezzament tieghi lejn l-Ufficcjali u membri kollha tal-Korp tal-Pulizija talli bhal ma gara f'okkazzjonijiet ohra, ghal darb'ohra wrew id-devozzjoni fil-qadi ta' dmirijiet li gew fdati lilhom u li b'mod professjonali taw is-servizzi taghhom matul il-kampanja elettorali li ghada kif giet fi tmiemha.

Dear WPC 176 Sloune Gatt Fabri CMRU,

I am most grateful for your very fast and quick reply to my urgent request.
Thank you very much for your time and consideration that will invaluably aide in my decision to commit to a long let in the Floriana community.

Permezz ta din l-email li qed nikteb nixtieq nibghat l-apprezzament taghna ghax-xoghol siewi u ghal l-ghajnuna li ta s-Surgent David Sant (PC 778) meta l-mara kellha ncident bil-karozza nhar l-erbgha li ghaddew filghodu gewwa Mater Dei. Bl-ghajnuna tieghu rnexxielu jikkontrolla s-sitwazzjoni bl-aktar mod professjonali.

Grazzi hafna.

Dear Sir or Madam,

On behalf of the family R. Dowdall we would like to thank the police sergeant and his colleague who were on duty on the 28th of April in the afternoon in Mellieha. In particularly the sergeant who was able to locate my lost dog, brown pointer. Which he did in 5 minutes in the professional efficient way. Keep up the good work. Much appreciated.

## Avviż lill-PENSJONANTI kollha dwar il-Magazin 'Il-Pulizija'

Ma' din il-ħarġa qegħdin nibgħatulkom din il-formola sabiex jekk tixtieqi li tibqgħu tirċievu l-magazin 'Il-Pulizija', timlewha u tibgħatuha l-uffiċju tas-CMRU, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2017.

Dawk il-formoli li ma jaslulniex lura skont kif spjegat, jitqiesu bħala **'li l-individwu m'għadux aktar interessat li jibqa' jirċevih'.**

Grazzi tal-kooperazzjoni tagħkom.

Rank u/jew numru: EX-________________________________

Numru tal-karta tal-identita': ________________________

Isem u Kunjon: ________________________________________________________

Indirizz:

________________________________________________________

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# International Police Association - Malta

Joseph Borda – Secretary General

### INTERNSHIP

For these twelve years, Malta has been chosen from various European Police Forces to receive their students who are undergoing studies of university level before they are assigned to their policing duties. The main aim is to acquire policing experience of another European country.



Group photo outside St. John's Co Cathedral on Police Anniversary 12/07/2007

Various visits also took place in different Police sections and branches where these students are given a detailed insight of local Police work. Included in these programmes is also the social aspect where the students get an idea of the local culture, folklore as well as the way of life we live in Malta.



Group photo at the Office of the Hon. Dr Angelo Farrugia, Speaker of the House of Representatives on 12/07/2017

At the end of each programme all the studies are presented with a certificate of attendance by the Commissioner of Police. All participants are IPA Members of the German Section and IPA Malta Section assists in liaising for these programmes with the Police Department.

### Foreign Visits

During the month of June, James O'Doyle from Victoria, Australia was on a two day cruise stop in Malta. James and I made arrangements so that he can come and see my collection and so some trading! Later we even found time to visit the Police and Crime Museums and Police HQ.



In the month of August Chief Inspector Shrad Mukhood from the Mauritius Police was on holiday in Malta. When I met him, we talked about police work in general.

I also found time to take him to visit the Malta Police and Crime Museums. He was very impressed with both museums.



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

## Police Graves

On the 9th July 2017 the President of IPA Malta Section Neville Mercieca and Secretary General Joseph Borda laid a wreath on the Police Graves to commemorate the 203rd Anniversary of the foundation of the Malta Police Force.



### Malta Police Museum mentioned in an IPA Magazine

IPA Sezzione Italia – Sicilia Agrigento wrote a nice article on the Malta Police Museum and the friendship that exist with IPA Malta Section

# Esecutivo Locale AGRIGENTO

## IPA AGRIGENTO "INCONTRA" IPA MALTA

Il racconto del socio Francesco Carbone.

*Dovendomi recare a Malta per motivi di studio della figlia, ho chiesto al Presidente IPA di Agrigento Vincenzo Iorio, se poteva mettermi in contatto con qualche socio IPA di Malta per avere qualche informazione in merito al mio soggiorno. Prontamente venivo messo in contatto con il Socio IPA di Malta Joseph Cilia, il quale si è messo subito a disposizione, offrendosi di venirmi a prendere all'arrivo all'Aeroporto. Il giorno seguente ci accompagnava a visitare la Centrale di Polizia, situata a La Valletta, un edificio che nel 1850, durante il periodo di occupazione britannica è stato utilizzato come General Hospital. Sotto questo edificio, si trova un rifugio che è stato scavato all'inizio della seconda guerra mondiale, utilizzato come sala operatoria dai medici per evitare di spostare i malati da un luogo all'altro durante i bombardamenti. Gentilmente il Sgt. Joseph Manno di servizio al Centrale di Polizia ci faceva visitare i locali adibiti a Museo di Polizia, nella prima sala, sono esposti le uniformi, distintivi, medaglie, decorazioni, armi e molte altri oggetti interessanti, compresi gli strumenti e i veicoli che sono stati utilizzati in diversi periodi storici. Nella seconda sala si possono vedere scene che riproducono casi criminali accaduti a Malta. Successivamente, accompagnati sempre dal Socio Joseph, andavamo a visitare un villaggio di pescatori a Marsaxlokk per finire la serata a cena della casa di Joseph e la moglie con un pranzo Maltese preparato dalla Signora Maria. Ringrazio il socio Joseph Cilia, per la sua disponibilita' e calorosa accoglienza dimostrata durante il mio soggiorno.*







ipamalta@gmail.com

### Membership Renewal

May I remind you that membership is due and those who still have not effected their payment may do so as follows:

Online: by logging to www.ipamalta.com

At our office in Marsa (Mondays between 9am and 12 noon) or our GHQ Office (Legal Office. Daily between 9am and 4pm)

By Post: Cheque addressed to IPA Malta Section, Police General Headquarters, Floriana.

Membership fee is €8 for 1 year and €20 for 3 years.

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Laqgħa mal-Ministru Michael Farrugia M.D. M.P. Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali

Nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu 2017, membri tal-Assoċjazzjoni ltaqgħu mal-Ministru Michael Farrugia, fil-Ministeru l-Belt Valletta.



Il-laqgħa tlabniha bħala laqgħa ta' familjarizzazzjoni u sabiex niddiskutu xi materji ta' interess mal-membri tagħna.

Il-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna u attendew is-Segretarju Ray Zammit, it-Teżorier Joe Borda u l-membri Albert Polidano, Martin Pace u Mario Pandolfino.

Wara li s-Segretarju ntroduċà l-membri lill-Ministru, irringrazzjah talli għoġbu jilqa' t-talba għal-laqgħa u spjegalu l-għanijiet tal-Assoċjazzjoni.

Ġie diskuss l-għoti tal-midalja u l-*clasps* għal servizz twil u effiċjenti kif ukoll infurmajna lill-Ministru li dan is-suġġett diġà kien ġie diskuss mal-predeċessur tiegħu, il-Ministru Carmelo Abela, fejn ingħatajna x'nifhmu li kemm il-liġi kif ukoll il-proċeduri u kriterji dwar l-għoti tal-midalja kellhom jiġu riveduti. Il-Ministru ħa nota ta' dan kollu u spjega li flimkien ma' liġijiet u proċeduri oħra, dan is-suġġett se jkun parti mill-proċess ta' reviżjoni u qal li jista' jifhem kif wieħed jista' jħossu meta ma jingħatax il-midalja.

Issemmà wkoll is-suġġett dwar il-pensjoni tagħna, l-aktar fejn tolqotna, bin-nuqqas fl-għoti tal-pensjoni kif jistħoqqilna skont il-kuntratt tagħna.

Ta' dan ħa nota wkoll u fisser kif diġà ttieħdu ċerti miżuri sabiex itaffu minn nuqqas f'dan ir-rigward kif ukoll qal li l-Gvern xorta għadu qed janalizza sistemi biex titjieb il-pensjoni tal-ħaddiema tas-servizzi kif imsemmi fil-programm elettorali. Dwar dan is-suġġett, ħeġġiġna sabiex inkomplu nistħarrġu dwar inizjattivi ġodda dwar il-pensjoni. Is-Segretarju qal li minnufih se jaraw dwar dan u possibilment issir laqgħa ta' informazzjoni mal-membri.

Tajna wkoll il-veduti tagħna dwar il-proċeduri dixxiplinarji interni li jistgħu jitmexxew minn xi ħadd awtonomu u indipendenti mill-Korp kif ukoll sabiex il-membri tal-Korp ikunu infurmati minnufih b'xi rapport dwarhom u jingħataw l-opportunità ta' spjegazzjoni għal aktar trasparenza f'ġieħ il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Il-Ministru ntalab ukoll sabiex l-Assoċjazzjoni tagħna tkun involuta u imsejħa għal diskussjonijiet dwar materji li jew jolqtuna fil-preżent jew jistgħu jolqtuna fil-futur bħala membri rtirati tal-Korp.

Ray Zammit
Segretarju

## Karta ta' Sħubija

Din is-sena ġiet introdotta għall-ewwel darba l-Karta ta' Sħubija (*Membership Card*). Din se titqassam lill-membri kollha li huma aġġornati fil-ħlas tal-miżata.

Ma hemm l-ebda ħlas għal din il-karta. Din fil-fatt tibqa' proprjetà tal-MARPO u meta wieħed ma jibqax membru jew jiġi nieqes, trid tiġi rritornata lura lill-Assoċjazzjoni.




Kulma wieħed għandu jagħmel biex jirċeviha huwa li jibgħat nota li jixtieq jirċeviha u jikteb in-numru tal-karta tal-identità. Fl-envelop jagħmel envelop ieħor bl-indirizz tiegħu u bolla ta' 26ċ.
L-envelop irid jintbagħat f'dan l-indirizz :
M.A.R.P.O. Membership Card P.O. Box 36 Birkirkara

## Miżata

Issa li qed jersaq iż-żmien biex titħallas il-miżata tal-Għaqda, inħeġġeġ lill-membri biex jgħaddu l-ħlas dovut ta' €5 fis-sena, permezz ta' ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustah f'dan l-indirizz: MARPO, P.O. Box 36, Birkirkara. Il-Membri Għawdxin jistgħu jħallsu l-Uffiċċju tal-Għassa, Rabat, Għawdex.

Għal kull korrispondenza tistgħu tibgħatu fuq l-indirizz elettroniku ġdid;- 2011marpo@gmail.com

## Mill–Imgħoddi

Ritratt mehud ġewwa l-għassa tal-Belt meta kienet għada Strada Stretta. Fir-ritratt jidher is-Surġent 752 Emmanuel Fenech (Iċ-Ċinjol) kif konna insibuh, wara l-bank ta' l-għassa, bit-tabella *Station Sergeant.* Dak iż-żmien kien ikun hemm żewġ surġenti..wieħed *Station Sergeant* u l-ieħor *Duty Sergeant*!



# INTENTIONALLY LEFT BLANK



Ex PC 1330 Paul Calleja
1930 - 2017
1979 - 1991



Ex Ps 9 Christopher Abela
1989 – 2017
2008 - 2015



Ex PC 306 Paul Sammut
1958 - 2017
1989 - 2000



Ex PC 912 Francis Buttigieg
1932 - 2017
1954 - 1980
(Gozo)



Ex 2/SM 308 Joseph Micallef
1928 - 2017
1954 - 1980



Ex PC 828 & RPC 3037 John Privitera
1963 - 2017
1982 - 2008 & 2014 - 2017
(serving)



Ex Pc 384 John Grixti
1944 - 2017
1962 - 1991



Ex PC 125 Nazzareno Debono
1947– 2017
1967 – 1993



Ex PC 1261 Thomas Magri
1945– 2017
1970 – 1986

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK